## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M. LL.D.

Appell Numru 121/2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pier Guido Saliba)**

**Vs**

**Robert Sant**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Robert Sant, detentur tal-karta tal-identita' numru 50766(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-3 t'Ottubru 2017 għall-ħabta tal-22.10 fi Triq il-Mosta, Ħal-Lija, saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBM 354:

1. U b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Agius li ġab il-konsegwenzi imsemmijin fl-artikolu 218 tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr Swain MD u Dr Paul Zammit MD mill-MDH;

2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża,

4. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tat-8 t'April, 2019 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha lliberat lill-imputat;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali fit-3 ta' Mejju 2019 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih talab lill-din il-Qorti **tħassar** u tirrevoka din is-sentenza tat-8 t'April 2019 fl-ismijiet premessi u minflok tisma' l-provi kollha produċibbli u tgħaddi sabiex tagħti sentenza skont il-liġi jew, b'mod alternattiv, **tħassar** u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat u minflok issibu ħati tar-reati kollha kif addebitati kontra tiegħu;

Rat l-aggravji tal-Avukat Ġenerali;

Rat ir-risposta bil-miktub tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet s-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

Rat is-sentenza preliminari taghha tad-29 ta' Settembru, 2022 dwar l-ewwel gravam sollevat mill-Avukat Generali li fih intalbet dikjarazzjoni ta' nullita' tas-sentenza appellata liema aggravju kien michud;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar incident stradali b'allegat investiment ta' persuna b'mod involontarju naxxenti waqt li din kienet qed taqsam minn quddiem ic-cimiterju ta' Hal Lija. Mill-atti processwali jemergi mid-deposizzjoni tal-pedone li fid-data tal-incident, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija, wara li kien halla l-kazin tal-banda fejn kien ikkonsma madwar erba' flixkien birra, l-parte civile ghazel illi jaqsam it-triq minghajr ma jaghmel uzu mill-*Pelikan Lights* ftit metri 'l boghod ghar-raguni li kellu esperjenza hazina fil-passat in rigward. Wara li qasam l-ewwel bicca ghazel li jkompli jaqsam it-tieni parti minkejja li ra vettura gejja fid-direzzjoni tieghu ghaliex kkalkula li jilhaq jaqsam. Gara, izda, li vettura ohra qabzet l-ewwel vettura u kienet din il-vettura li laqtitu bil-konsegwenza li sofra offizi ta' natura gravi u *per durata*. Il-vettura li laqtet lill-parte civile kellha hsara fuq il-*bonnet* kif ukoll il-*windscreen* ta' quddiem u ta' wara liema provi cirkostanzjali juru bhala dinamika li l-parte civile ntalaq minn din il-vettura bil-*bonnett* , ttajjar mal-windscreen ta' quddiem u nizel fuq il-windscreen ta' wara u minn hemm ghal fuq it-triq;

2. Illi l-ewwel Qorti lliberat lill-imputat appellat b'sentenza ferm ekonomika ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz meta f'kunsiderazzjoni singolari u qasira ddikjarat: *Il-Qorti tara li ma ntlahqux il-provi necessarji fil-kamp kriminali sabiex hi tidentifika li kien Robert Sant li qed isuq il-vettura li laqtet lil midrub*". L-Avukat Generali

jillanja li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta lliberat lill-imputat minħabba li ma kienx identifikat Robert Sant bħala s-sewwieq li allegatament laqat lil Emanuel Agius. L-Avukat Generali itenni li "*Mid-depożizzjoni ta' Robert Sant li kien ħareġ l-istess Robert Sant biex jagħti l-ewwel għajnuna lil Emanuel Agius. Meta kellem lill-Pulizija huwa ammetta li kien laqat lil Emmanuel Agius. Il-karozza JBM 354 hija ta' Robert Sant, il-karozza kienet abbandunata mingħajr sewwieq ġo fiha, Robert Sant kien l-unika persuna ġewwa l-karozza JBM 354 u li Robert Sant kien l-unika persuna ħdejn il-midrub fil-mument tal-inċident. Għalhekk il-Qorti ma setgħetx tillibera lill-imputat* ". Bid-dovut rigward, ma jirrizulta minn mkien fl-atti processwali li Robert Sant qatt iddepona. L-unici provi li hemm in atti huma l-PIRS report, certifikati medici u d-deposizzjoni tal-parte civile kif dettata mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tiddikjara, minghajr tlaqlieq, illi dan il-process kollu jirrazzenta l-inefficjenza mill-bidu sal-ahhar, jigifieri mill-mument li suppost kellu jkun investigat mill-Pulizija sal-appell tal-Avukat Generali;

3. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi qatt ma sar skizz dwar il-lok tal-incident u dan ghaliex dakinhar kienet ix-xita, ma thallewx marki ta' brakes (jew tyres) u l-vettura in kwistjoni waqfet hafna 'l boghod mill-punt tal-impatt. Jidher illi fuq il-lok tal-incident, apparti l-appellat, kien hemm ukoll persuna ohra li kienet qed taghti l-ghajnuna. Madanakollu, l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq il-PIRS report minghajr ebda rispett lejn il-volum ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna u dawk tal-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar dikjarazzjonijiet maghmula minn persuna minghajr assistenza legali in konformita' mad-Direttiva

13/48 llum debitament trasposta fil-Kodici Kriminali u fejn allura tali dikjarazzjonijiet ma ghandhom l-ebda rilevanza probatorja;

4. Jizdied jinghad illi anke jekk l-Avukat Generali jinghata ragun dwar il-lanjanza tieghu, l-appell tieghu ma jista' jwassal ghall-ebda konsiderazzjoni u konsegwenzjali sejbien ta' htija kontra l-appellat. Dan ghaliex fil-kaz li din il-Qorti ssib li kien fil-fatt l-appellat li kien fuq is-sit wara l-incident, l-Avukat Generali ma jghidx kif dan kellu jinsab hati. Tajjeb li jkun osservat li quddiem l-ewwel Qorti ma ngiebet ebda prova dwar lil min tappartjeni din il-vettura u jekk ma seta' kien hadd iehor hlief l-appellat li kien qed isuqha. Fi kliem iehor, anke li din il-Qorti mill-provi indizzjarji kellha tasal ghall-konkluzzjoni li l-vettura in kwisjtoni kienet qed tinstaq mill-imputat appellat, ma jfissirx b'daqshekk li kien responsabbli fi kwistjoni ta' ndoli kriminali;

5. Fit-tieni gravam tieghu l-Avukat Generali jillanja : "*Illi fl-umli fehma tal-esponent* in vista *ta' dawn il-provi kollha inkluz il-fatt li l-imputat kien il-persuna fil-kontroll shih tal-vettura li laqtet lil Emanuel Agius il-Qorti ma setghet qatt tillibera lill-imputat fuq nuqqas ta' element car u univoku li jipprova l-fatt addebitat lill-imputat*". Kontra dak li jargumenta l-Avukat Generali, anke jekk kien pruvat li kien l-imputat is-sewwieq tal-vettura, dan wahdu, minghajr ragunijiet ohra ma jirrendihx passibbli ghal sejbien ta' htija fil-kamp kriminali;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.